



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

24.10.2011

B7-0555/2011

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa biex jingħalaq id-dibattitu dwar id-dikjarazzjoni tal-Viċi President tal-Kummissjoni/tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar is-sitwazzjoni fl-Eġittu u s-Sirja, b'mod partikolari dik tal-Komunitajiet Insara

**Elmar Brok, Mario Mauro, Ioannis Kasoulides, Cristian Dan PredaTokia Saïfi, Magdi Cristiano Allam, Othmar Karas, Ria Oomen-Ruijten, Gabriele Albertini, Inese Vaidere, Elena Băsescu, Elisabeth Jeggle, Monica Luisa Macovei, Zuzana Roithová, Nadezhda Neynsky, Roberta Angelilli, Thomas Mann, Constance Le Grip, Salvatore Iacolino, Bernd Posselt, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Sari Essayah, Anne Delvaux** fisem il-Grupp PPE

RE\881616MT.doc

PE472.752v02-00

**MT**

*Magħquda fid-diversità*

**MT**

**B7-0555/2011**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni fl-Eġittu u s-Sirja, b'mod partikolari dik tal-Komunitajiet Insara**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Eġittu u s-Sirja,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) dwar is-Sirja tat-8 u l-31 ta' Lulju; tal-1, l-4, it-18, id-19, it-23 u t-30 ta' Awwissu; l-2, il-12 u t-23 ta' Settembru; u t-8 ta' Ottubru 2011,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew li ttieħdet votazzjoni dwarha fl-20 ta' Jannar dwar is-sitwazzjoni tal-Insara fil-kuntest tal-libertà tar-reliġjon u li fiha l-Parlament Ewropew talab lir-Rappreżentant Għoli tiżviluppa kapaċità permanenti fi ħdan id-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u timmonitorja s-sitwazzjoni tar-restrizzjonijiet governattivi u soċjetarji dwar il-libertà tar-reliġjon u drittijiet relatati u tirrapporta ta' kull sena lill-Parlament,
- wara li kkunsidra l-konklużjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea – Affarijiet Barranin, tal-20 ta' Frar li matulha Catherine Ashton, ir-Rappreżentant Għoli ntalbet tirrapporta dwar il-miżuri adottati u l-proposti konkreti magħmula għat-tisħiħ tal-azzjonijiet tal-Unjoni Ewropea dwar il-promozzjoni u d-difiża tar-reliġjon u l-libertà ta' twemmin,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill għall-Affarijiet Barranin dwar is-Sirja tal-10 ta' Ottubru 2011,
- wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tal-1966, li l-Eġittu u s-Sirja huma firmatarji tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

**Eġittu**

- A. billi, fid-9 ta' Ottubru, mill-anqas 28 ċittadin Eġizzjan ġew maqtula u ġew midruba aktar minn 350 fost l-Insara Kopti, mill-forzi militari fil-Kajr wara protesta kontra attakk fuq knisja fil-provinċja ta' Aswan;
- B. billi sa mill-bidu tal-avvenimenti tar-Rebbiegħa Għarbija, madwar 100 000 Kopti ħallew l-Eġittu;

**Sirja**

- C. billi sa mill-bidu tat-trażżin vjolenti tad-dimostranti paċifiċi fis-Sirja f'Marzu 2011, il-qtil sistematiku, il-vjolenza u t-tortura kienu qed jiżdiedu b'mod drammatiku u l-armata Sirjana u l-forzi tas-sigurtà qed ikomplu bir-rispons tagħhom ta' qtil immirat, tortura u

arresti tal-massa, billi skont ċifri tan-NU, aktar minn 3000 persuna tilfu ħajjithom, u ġew midruba ħafna aktar u eluf oħrajn kienu arrestati; billi bosta Sirjani qeegħdin jiffaċċaw sitwazzjoni umanitarja li kull ma jmur sejra għall-aġġar, kaġun tal-vjolenza u tal-ispostamenti;

- D. billi hu stmat li l-popolazzjoni Nisranija fis-Sirja, jista' jkun li naqset minn 10 sa 8 fil-mija, l-iktar minħabba l-migrazzjoni; billi eluf ta' Insara mill-Irak marru s-Sirja biex jaħarbu minn vjolenza mmirata ġewwa l-Irak; billi ħafna nsara fis-Sirja jibzġu li sejin jispiċċaw vittmi ta' vjolenza settorjali fil-pajjiż;

### **Eġittu**

1. Jikkundanna bil-qawwa l-qtil ta' dimostranti mill-forzi tas-sigurtà fl-Eġittu; jesprimi l-kondoljanzi tiegħu mal-familji tal-vittmi; jitlob lill-awtoritajiet jiżguraw li l-forzi ta' sigurtà ma jużawx forza eċċessiva u totalment sproporzjonata u jitlob għal investigazzjoni bir-reqqa u indipendenti tar-ripressjoni vjolenti ta' dimostranti fil-Kajr;
2. Jitlob lill-awtoritajiet Eġizzjani jiżguraw libertà reliġjuża sħiħa għaċ-ċittadini kollha fl-Eġittu nkluż għall-Insara Kopti, u li l-komunitajiet tal-Insara Kopti ma jisfawx vittmi ta' attackki vjolenti u jkunu jistgħu jgħixu fil-paċi u jesprimu t-twemmin tagħhom b'mod ħieles madwar il-pajjiż; jitlob protezzjoni adegwata għall-knejjes sabiex tintemm l-aggressjoni u l-qerda kontinwa ta' knejjes minn estremisti Iżlamiċi;
3. Jitlob lill-awtoritajiet Eġizzjani jwaqqfu mekkaniżmu magħmul minn membri tal-gvern, tas-soċjetà ċivili u organizzazzjonijiet internazzjonali bil-għan li jirreġistra u jiżvela kwalunkwe attackk kontra l-minoranzi reliġjużi fl-Eġittu;
4. Jitlob lill-Istati Membri tal-UE li jgħaddu assistenza militari barranija lill-Eġittu biex jagħmlu dan b'kondizzjoni li l-armi fornuti bħala parti minn din l-għajnuna ma jintużawx f'attackki fuq ċittadini mhux armati;
5. Jitlob lill-awtoritajiet Eġizzjani jeħilsu t-28 Nisrani li jinsabu arrestati f'Maspero;
6. Jitlob lill-awtoritajiet Eġizzjani biex ikopru l-ispejjeż mediċi tal-vittmi tal-irvellijiet riċenti u biex jikkompensaw ukoll l-ispejjeż ta' segwitu;
7. Ihegġegħ lill-awtoritajiet Eġizzjani jtemmu d-diskriminazzjoni kontra l-Insara Kopti, pereżempju billi jneħħu r-referenza għar-reliġjon fid-dokumenti uffiċjali kollha;
8. Ihegġegħ lill-awtoritajiet Eġizzjani jiżguraw dinjità u opportunitajiet indaqs għaċ-ċittadini kollha fl-Eġittu, inkluż għall-Insara Kopti, biex dawn ikollhom aċċess għall-impjiegi pubbliċi u politiċi kollha, inkluż rappreżentanza fil-Forzi Armati, fil-Parlament u fil-Gvern;
9. Ihegġegħ lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà/Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea, Catherine Ashton, tiżgura l-implimentazzjoni u l-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti;
10. Jesprimi l-konvinzjoni dwar il-ħtieġa li tkun adottata Kostituzzjoni qabel ma jinżammu

elezzjonijiet leġiżlattivi;

11. Hu tal-fehma li l-kostituzzjoni għandha tinkludi b'mod espliċitu l-protezzjoni tad-dritt tal-libertà reliġjuża u l-protezzjoni tal-minoranzi;
12. Jitlob il-bdil tal-gvern interim tal-Eġittu, malajr kemm jista' jkun, bi gvern stabbilit msejjes fuq ir-riżultati ta' elezzjonijiet ħielsa;
13. Jitlob lill-awtoritajiet Eġizzjani jieħdu miżuri biex itemmu l-atti kriminali mwettqa minħabba raġunijiet reliġjużi, bħall-ħtif ta' tfajliet Kopti li kienu mġiegħla jikkonvertu għall-Iżlam (madwar 1000 każ dokumentat);
14. Jitlob emenda tal-Kodiċi Penali Eġizzjan sabiex dan jikkriminalizza dawk l-atti ta' prożelitiżmu li jinvolvu l-konverżjoni ta' nies mit-twemmin reliġjuż tagħhom kontra r-rieda tagħhom;
15. Iqis li r-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Eġittu huma msejsa fuq ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, l-UE żżomm id-dritt li tadotta miżuri kontra l-Eġittu, f'każ ta' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem taċ-ċittadini kollha tal-Eġittu, inkluż tal-Insara Kopti, li huma diskriminati, persegwitati u immassakrati b'mod istituzzjonali u mġiegħla jaħrabu minn pajjiżhom; jenfasizza l-ħtieġa li l-UE tkun lesta li tadotta miżuri ulterjuri sabiex tgħin liċ-ċittadini Eġizzjani li qeġdin jistinkaw għal futur demokratiku permezz ta' mezzi paċifiċi;

## **Sirja**

16. Jikkundanna bil-qawwa l-qtil, l-arresti tal-massa u t-tortura taċ-ċittadini u tad-dimostranti paċifiċi u ta' qrabathom; huwa mkexkex bir-ripressjoni brutali tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni tiegħu; itenni t-talba tiegħu lill-President Bashar al Assad u r-reġim tiegħu biex dawn jċedu l-poter minnufih sabiex jippermettu li sseħħ transizzjoni politika fis-Sirja;
17. Jinsab imħasseb bil-qawwi dwar is-sitwazzjoni tal-Insara fis-Sirja, b'mod partikolari dwar is-sigurtà tagħhom; jikkundanna l-azzjonijiet li għandhom l-għan li jinċitaw kunflitt inter-reliġjuż; iħeġġeġ l-awtoritajiet Sirjani attwali u futuri biex jipprovdu protezzjoni affidabbli u effikaċi għall-Komunità Nisranija nazzjonali;
18. Jesprimi l-kondoljanzi tiegħu mal-familji tal-vittmi; ifaħħar il-kuraġġ u d-determinazzjoni tal-poplu Sirjan u jappoġġa bil-qawwi l-aspirazzjonijiet tiegħu biex jikseb ir-rispett sħiħ tal-istat tad-dritt, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali u l-garanzija ta' kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali aħjar;
19. Itenni t-talba tiegħu lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u għall-Politika tas-Sigurtà, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex iħeġġu aktar u jappoġġjaw l-iżvilupp ta' forzi ta' oppożizzjoni demokratiċi Sirjani kemm ġewwa kif ukoll barra mis-Sirja; jilqa' l-isforzi tal-oppożizzjoni politika għall-ħolqien ta' pjattaforma magħquda u jieħu nota tal-ħolqien tal-Kunsill Nazzjonali Sirjan;
20. Jilqa' l-impenn tal-UE biex tkompli tħeġġeġ azzjoni b'saħħitha tan-NU biex tiżdied il-pressjoni internazzjonali; Itenni t-talba tiegħu lill-membri permanenti tal-Kunsill tas-

Sigurtà tan-NU, u b'mod partikolari r-Russja u ċ-Ċina, ma jimblukkawx l-użu tal-forza letali mir-reġim Sirjan u li titlob il-waqfien tal-użu ta' forza, u jistabilixxu sanzjonijiet jekk dan ma jsirx; jappoġġa bil-qawwa d-deċiżjoni tal-UE tat-23 ta' Settembru li tadotta sanzjonijiet addizzjonali kontra r-reġim Sirjan; jenfasizza l-ħtieġa li l-UE tkun lesta li tadotta miżuri ulterjuri sabiex tgħin liċ-ċittadini Sirjani li qegħdin jitħabtu għal futur demokratiku permezz ta' mezzi paċifiċi;

21. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Gvern u l-Parlament tal-Federazzjoni Russa, lill-Gvern u l-Parlament tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina, lill-Amministrazzjoni u l-Kungress tal-Istati Uniti, lis-Segretarju Ġenerali tal-Lega Għarbija, lill-Gvern tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu u lill-Gvern u l-Parlament tar-Repubblika Għarbija Sirjana.